# Aħbar Tajba

Dan 7, 13-14
Salm 92, 1-2. 5
Apok 1, 5-8
Ġw 18, 33b-37



**"Int qiegħed tgħidu; jien sultan. Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità. U kull min iħobb il-verità jisma' leħni."**

'I just can't wait to be king!' Hekk ikanta ċ-ċkejken Simba fil-bidu tal-film The Lion King. Fiha, Simba jispjega lil Zazu li meta jsir sultan, ħadd ma kien se joqgħod jgħidlu x'jagħmel. Ħadd ma kien se joqgħod jgħidlu kif għandu jġib ruħu u fejn seta' u ma setax imur. Anzi, se jkun hu li jikkmanda u jagħmel li jrid. Se jkun l-ikbar sultan u se jkollu għajta li tbeżża' 'l dawk li jkunu kontrih. Għalhekk, ikompli jkanta, li iġri jsir sultan!

Sfortunatament, fl-istorja tad-dinja kellna ħafna slaten ta' dan it-tip. Nies li ħakmu fuq dawk iżgħar minnhom u għamlu li riedu. Iżda llum qrajna fuq xorta oħra ta' sultan. Fil-Vanġelu tal-lum insibu lil Ġesù fl-aħħar sigħat ta' ħajtu, akkużat quddiem Pilatu. Il-mexxejja Lhud qatgħuha li jeħilsu minnu darba għal dejjem u allura ħaduh quddiem Pilatu biex jagħtih il-kundanna tal-mewt. Il-pjan tagħhom kien maħsub tajjeb u minn kliem Ġesù għażlu punt li Pilatu ma setax iħallih għaddej – li Ġesù kien sultan. Pilatu kien gvernatur li jaħdem għall-ikbar fost is-slaten ta' żmienu – Ċesri. Imma jekk Ġesù kien sultan ukoll dan kien ifisser li kien għadu ta' Ċesri. Pilatu ma setax iħallih għaddej qisu ma kien xejn. Għalkemm kien jidher innoċenti imma jdejh kienu marbuta.

Ipprova jara kif jista' jeħilsu, u saħansitra qatta' ftit ħin jitkellem ma' Ġesù biex jara x'jista' jagħmel. Imma Ġesù ma kienx qed ifittex li jinħeles u għal mistoqsija jekk kienx sultan, Ġesù wieġeb: "Int qiegħed tgħidu; jien sultan. Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità." Iva, Ġesù kien sultan. Imma mhux bħas-slaten l-oħra li kienu jidhru fid-dinja jagħmlu li jridu, imma sultan li ġie biex iġib il-Verità. U x'kienet din il-Verità?

F'dawn l-aħħar Ħdud kellna ċ-ċans nisimgħu x'inhi din il-Verità. "Jekk xi ħadd irid ikun l-ewwel għandu joqgħod wara kulħadd u jkun qaddej ta' kulħadd." Ġesù ma jiqafx hemm imma jipprattika dan il-kliem b'ħajtu stess u jsir dak kollu li n-nies kellha bżonn minnu. Sar qaddej ta' kulħadd, tal-fqar, tal-morda u fuq kollox ta' dawk li ma kellhom lil ħadd. U mbagħad jgħidilna li kull min hu kbir, kull min imexxi, kull sultan jew kap ta' xi grupp, irid ikun lest li jaqdi lil dawk kollha li huma taħtu. "Min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom." Ġesù, b'ħajtu wriena xi tfisser tkun kbir. Mhux li kulħadd jagħmel li trid int, imma li tagħraf kif int tista' tgħin lil dawk li Alla jlaqqgħek magħhom.

## Biex nifhem aħjar

Wieħed jista' jaħseb li s-silta tal-Vanġelu tal-lum hija waħda stramba meta żżomm f'moħħok il-festa li qed niċċelebraw. Kif fi Kristu Re naqraw dwar mument tant ta' tbatija fil-ħajja ta' Ġesù. Iżda f'dan il-mument tant diffiċli Ġesù juri x'tip ta' sultan hu. Mhux wieħed li ijassar lil dawk li huma taħtu imma wieħed li lest li jsir hu lsir tagħhom biex isalvahom. Quddiem dan, Pilatu jinfixel. Għalkemm kien ġeneral magħruf għal ħruxija tiegħu, Ġesù jmisslu qalbu u l-Evanġelista jgħidilna li għamel l-almu tiegħu biex jeħilsu. L-istorja nafuha. Pilatu ma jirnexxilux jeħilsu, imma Ġesù ma kellux f'moħħu li jinħeles hu imma li jeħles lill-oħrajn bis-sagrifiċċju kbir tiegħu. Dan hu s-sultan tal-Aħbar it-Tajba.



## Din il-Ġimgħa...

**Kif se nuru li aħna segwaċi tas-sultan tal-Aħbar it-Tajba? Bniedem li jħobb vera s-sultan tiegħu jfittex li jisma' kliemu u jagħmel l-almu kollu tiegħu biex jagħmel kif jgħid is-sultan. Ġesù, fil-Vanġelu, ma ħallilniex biss stejjer imma ħallilna mappa li se teħodna lejn it-teżor tas-saltna tiegħu, imma rridu nfittxu li nimxu ma' din il-mappa. Allura tajjeb li fil-jiem li ġejjin tfittex fil-Vanġelu dawk il-kliem ta' Ġesù li taħseb li jgħoddu ħafna għalik biex juruk minn fejn trid tgħaddi u fejn trid tinbidel biex tassew tikseb it-teżor tas-Saltna tas-Smewwiet.**


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.






mediacentre
design • video production • animation • publishing • web

GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!
GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!
ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.
mediacentre YOUTHEME FOUNDATION

## Sib il-Kelma

"Int qiegħed tgħidu; jien sultan. Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità. **U kull min iħobb il-verità jisma' leħni."**



Hawn taħt għandek issib moħbija għaxar kelmiet marbuta mal-festa tal-lum ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu. Dawn tista' ssibhom billi tfittex fost l-ittri minn fuq għal isfel, mix-xellug għal-lemin, la ġenba jew saħansitra minn isfel għal fuq. Il-kliem li trid issib huma: **PILATU, LHUDI, SALTNA, DINJA, TWIELED, VERITÀ, SULTAN, GĦASES, ALFA, OMEGA**

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | A | S | U | L | T | A | N | D | Ħ |
| U | L | G | O | A | S | O | I | I | V |
| T | W | IE | L | E | D | D | P | N | S |
| A | S | Ħ | N | M | U | E | N | J | G |
| L | D | A | J | H | O | G | Z | A | E |
| I | M | N | L | A | J | A | A | T | O |
| P | E | U | Z | T | A | F | L | I | M |
| V | S | J | Ħ | A | N | L | U | R | J |
| M | I | A | N | B | GĦ | A | S | E | S |
| A | P | I | O | M | E | G | A | V | Z |

## Agħti l-kulur

